# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Claudio Zahra

Illum 21 ta'Ottubru, 2024

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront Claudio Zahra , bin Carmel u Rose nee Galea, imwieled fil-09/04/1987 u joqghod Cartref, Triq L-Imtarfa, Mtarfa. ID 179787M.

Billi int akkuzat talli fit-28 ta' mejju, 2022 ghall-habta ta' 07.30 hrs fi Triq in-Naggar, Mosta soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni JCL 968;

1. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, involontarjament ikkagunajt offiza gravi fuq il-persuna, ta` Peter Psaila bil-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9

tal-Ligijiet ta’ Malta skond kif iccertifika Dr. Kurt Apap MD mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikol u 226(1)(a ) Kap 9 L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta’ Malta

Rat in-nomina ta’ Dr Mario Scerri tad-29 ta’ Mejju, 2023

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet ix-xhieda tal-imputat.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

It-Tabib **Kurt Apap** xehed permezz ta’ affidavit

**PS 1222** Carl Vella Cassia xehed dwar l-involviment tieghu fil-kas odjern

**It-Tabib Mario Scerri** ezebixxa Dok MS rapport tieghu u elabora kif l-griehi permanenti li sofra Peter Psaila ma kienux rizultat tal-incident awtomobilistikuin dezamina izda ta’ storja medika precedent.

**Peter Psaila** tagha l- verzjoni tieghu ta’ kif sehh l-incident u kif qasam Triq il-Neggar.

**Claudio Zahra** tagha l-verzjoni tieghu ta’ kif sehh l-incident u kif intlaqat Peter Psaila.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ma kenitx munita bi skizz tal-pulizija u bhekk bil-konfigurazzjoni ezatta tal-lokalita' tal-incident kif ukoll bil-kejl relattiv.  Dan in-nuqqas ifisser l-ma hemmx kwadru komplut tad-dinamika tal-incident u hemm nuqqas ta' provi essenzjali dwar id-dinamika tal-incident.Ghaldaqstatn l-imputazzjoni fil-konfront tal-imputat mhux ippruvata.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli  286(1)(a ) Kap 9 L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda  tal-Ligijiet ta' Malta

ma ssibx lil Claudio Zahra hati tal-imputazzjonji fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**